**300. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Ordinanza tal-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq Crown Corks u Konċentrati mhux-alkoholiki".

1. Illi dan l-Abbozz ta' Liġi jkun dikjarat urġenti, u diskuss fil-bqija tal-istadji tiegħu kollha, fl-istess seduta li fiha jitressaq it-Tieni Qari tiegħu;

2. Illi fis-seduta msemmija, id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari u fil-Kumitat dwar dan l-Abbozz ta' Liġi, ma għandhiex tieħu aktar mill-ħin tal-interruzzjoni tax-Xogħol, meta s-Sedja tqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar it-Tieni Qari u l-Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi;

Iżda anke meta jkun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni;

3. Illi wara li jkun irrapportat il-Kumitat jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi; u

4. Illi jekk jintalbu votazzjonijiet, fi kwalunkwe stadju ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, il-ħin ta' dawn il-votazzjonijiet ma jiżdiedx mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta; u illi kull votazzjoni li tista' tintalab wara l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandha tittieħed ħames minuti biss wara li tkun intalbet.

08.05.1986